32003R0080

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 80/2003

tas-17 ta' Jannar 2003

li temenda r-Regolament (KE) Nru 175/2001 fir-rigward ta' ċerti taħlitiet ta' certi varietajiet ta' ġewż fil-qoxra, uffiċjalment definiti mill-pajjiż li jipproduċihom

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-frott u l-ħaxix [1], kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 1881/2002 [2], u partikolarment l-Artikolu 2(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 175/2001 tas-26 ta' Jannar 2001 li jistipula l-istandard tal-marketing għall-ġewż fil-qoxra [3] jippermetti, għall-klassifikazzjonijiet ta' kwalità kollha, li ġewż ta' kemm-il varietà jitħallat fl-istess pakkett, sakemm it-taħlita hi uffiċjalment definita mill-pajjiż li jipproduċihom.

(2) L-awtoritajiet Franċiżi infurmaw il-Kummissjoni li huma uffiċjalment ddefinixxew kemm-il taħlita ta' varietajiet, imsemmijin "Noix de Grenoble" u "Noix du Périgord", applikabbli kemm lill-ġewż frisk kif ukoll dak niexef. L-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti infurmaw il-Kummissjoni li huma ddefinixxew taħlita ta' varietajiet imsemmija "California walnuts", applikabbli lill-ġewż niexef.

(3) Minkejja l-eżistenza ta' taħlitiet oħra ta' varietajiet ta' ġewż uffiċjalmet definiti x'imkien ieħor, il-karatteristiċi ta' dawn it-taħlitiet għandhom ikunu ddettaljati fir-Regolament (KE) Nru 175/2001, sabiex tkun evita kwalunkwe diskrepanza fl-interpretazzjoni u applikazzjoni tiegħu.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 175/2001 għandu jiġi emendat għal dan il-għan.

(5) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għal frott u ħaxix frisk ma tax opinjoni fil-limitu tal-ħin stabbilit mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 175/2001 għandu jiġi emendat skond l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 17 Jannar 2003.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 297, tal-21.11.1996, p. 1.
[2] ĠU L 285, tat-23.10.2002, p. 13.
[3] ĠU L 26, tas-27.1.2001, p. 24.

L-ANNESS

L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 175/2001 għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Fit- Titolu II (Dispożizzjonijiet dwar il-kwalità), punt B (Klassifikazzjoni) għandu jiġi emendat kif ġej:
   (a) fil-punt (i), l-ewwel subparagrafu għandu jiġi mibdul mat-test li ġej:

   "Ġewż fil-qoxra f'din il-klassifikazzjoni għandha tkun ta' kwalità superjuri. Għandhom ikollhom il-karatteristiċi tal-varietà jew tat-taħlita ta' ċerti varietajiet definiti uffiċjalment mill-pajjiż li jipproduċihom u speċifikati fil-marka."

   (b) fil-punt (ii), l-ewwel subparagrafu għandu jiġi mibdul mat-test li ġej:

   "Ġewż fil-qoxra f'din il-klassifikazzjoni għandhom ikunu ta' kwalità tajba. Għandhom ikunu karatteristiċi tal-varietà, ta' tip kummerċjali jew ta' taħlita ta' ċerti varietajiet uffiċjalment definiti mill-pajjiż li jipproduċihom u speċifikati fil-marka."

2. It-test li ġej għandu jiġi miżjud:

"*L-ANNESS III*

LISTA MHUX ESAWRIJENTI TA' TAĦLITIET TA' ĠERTI VARIETAJIET, UFFI ĠJALMET DEFINITI MILL-PAJJIŻ LI JIPPRODU ĠIHOM, FIS-SENS TA' PUNTI II.B(i) U II.B(ii) TA' L-ANNESS

1. **'Noix de Grenoble'**

   — għal ġewż niexef u frisk, taħlita tal-varietajiet li ġejjin: *Franquette, Mayette, Parisienne*;

2. **'Noix du Périgord'**

   — għal ġewż niexef, taħlita tal-varietajiet li ġejjin: *Marbot, Franquette, Corne*;

   — għal ġewż frisk, taħlita tal-varietajiet li ġejjin: *Marbot, Franquette*;

3. **'California walnuts'**

   — għal ġewż niexef, taħlita tal-varietajiet li ġejjin: *Amigo, Adams, Ashley, Payne, Eureka, Hartley, Serr, Chandler, Chico, Gustine, Lompoc, Midland, Pedro, Pioneer, Sunland, Tehama, Tulare, Vina, Poe, Carmello, Cascade, Concha, Ehrhardt, Franquette, Howe, Howard, Idaho, Marchetti, Mayette, Meylan, Plancentia, Sharkey, Sinensis, Trinta, Waterloo, Westside*."